Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2023/2116(INI)

7.12.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: prijoritajiet soċjali u tal-impjieg għall-2024
(2023/2116(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Dragoş Pîslaru

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: prijoritajiet soċjali u tal-impjieg għall-2024
(2023/2116(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 149 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2023 bit-titolu "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024" (COM(2022)0901),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2023 għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2023)0904),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2023 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (COM(2023)0903),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2023 bit-titolu "Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2024" (COM(2023)0902),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2023 dwar l-Abbozz ta' Pjanijiet Baġitarji għall-2024: Valutazzjoni Ġenerali (COM(2023)0900),

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), ipproklamat mill-Kunsill, mill-Parlament u mill-Kummissjoni f'Novembru 2017,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2022 bit-titolu "Komunikazzjoni dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE" (COM(2022)0583),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (COM(2023)0240),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0000/2023),

A. billi, skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni, is-suq tax-xogħol tal-UE kompla jkollu prestazzjoni qawwija fl-ewwel nofs tal-2023, minkejja t-tnaqqis fit-tkabbir ekonomiku; billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE huwa pproġettat għal 1.0 % din is-

sena, bi tnaqqis previst għal 0.4 % kemm fl-2024 kif ukoll fl-2025; billi r-rata tal-qgħad fl-UE hija mistennija li tibqa' ġeneralment stabbli b'6.0 % fl-2023 u l-2024 u li tinżel għal 5.9 % fl-2025;

B. billi l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli għall-2024 jenfasizza li minkejja żidiet sinifikanti fil-pagi fl-UE fl-2022 u fil-bidu tal-2023, dawn baqgħu taħt ir-rati għoljin ta' inflazzjoni u rriżultaw f'kapaċità tal-akkwist imnaqqsa, li taffettwa l-aktar dħul aktar baxx; billi l-pagi reali fl-UE naqsu bi 3.7 % fl-2022, u dan żied ir-riskju ta' faqar fost dawk li jaħdmu; billi l-pagi reali huma mistennija li jiżdiedu mis-sena d-dieħla bħala riżultat ta' tkabbir kontinwu fil-pagi nominali u inflazzjoni li qed tonqos;

C. billi t-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni enfasizza li l-inċertezza u r-riskji negattivi għall-prospettiva ekonomika żdiedu f'dawn l-aħħar xhur u li t-trażmissjoni tal-issikkar monetarju tista' tkun ta' piż fuq l-attività ekonomika għal żmien itwal u aktar milli previst f'dan it-tbassir, peress li l-aġġustament tal-finanzi tal-kumpaniji, l-unitajiet domestiċi u l-gvernijiet għall-ambjent b'rata tal-imgħax għolja jista' jkun aktar diffiċli;

D. billi t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent u l-persuni affettwati, iżda wkoll fuq l-ekonomija, inkluż is-suq tax-xogħol;

E. billi fir-rigward tal-klawżola liberatorja ġenerali skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li tiskadi fi tmiem l-2023, il-politika fiskali jeħtieġ li tappoġġja l-politika monetarja fit-tnaqqis tal-inflazzjoni u jeħtieġ li tissalvagwardja s-sostenibbiltà fiskali, filwaqt li tipprovdi biżżejjed spazju għal investimenti addizzjonali, inkluż investiment fl-infrastruttura u s-servizzi soċjali u appoġġ għal tkabbir fit-tul;

F. billi r-rapport konġunt dwar l-impjiegi għall-2024 jipprovdi l-ewwel valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-Istati Membri dwar it-tliet miri ewlenin għall-2030 u juri: progress tajjeb lejn il-mira tal-impjiegi b'livell ta' impjieg ta' 74.6 %, iżda b'differenzi sinifikanti skont il-ġeneru u l-età; il-progress mill-maġġoranza tal-Istati Membri lejn il-miri nazzjonali tagħhom għat-tnaqqis tal-faqar, iżda bidliet fid-direzzjoni opposta minn oħrajn; ħtieġa għal progress sinifikanti biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE ta' 60 % tal-adulti li jitgħallmu kull sena fl-UE sal-2030, minn livell baxx ta' 37.4 % fl-2016;

G. billi l-inklużjoni ta' qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew għandha trawwem konverġenza soċjali 'l fuq u għandha ttejjeb il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fl-Istati Membri u fl-UE billi tidentifika r-riskji għall-konverġenza 'l fuq għall-Istati Membri fir-rapport konġunt dwar l-impjiegi bbażat fuq l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u permezz tal-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni ta' rapporti dwar il-konverġenza soċjali għal dawk l-Istati Membri identifikati bħala li qed jiffaċċjaw riskji għal konverġenza soċjali 'l fuq;

H. billi l-ħaddiema tas-sengħa li jistgħu jirrispondu għad-domandi tas-suq tax-xogħol u l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja huma ta' importanza ewlenija biex jiġu żgurati t-tkabbir sostenibbli, iż-żieda fl-innovazzjoni u l-kompetittività u t-tranżizzjoni sostenibbli u ġusta tal-ekonomija tal-UE;

I. billi, bħala riżultat tat-tixjiħ demografiku, l-għadd ta' persuni li għandhom 'il fuq minn 65 sena qed jiżdied b'mod rapidu u, fl-istess ħin, għadd dejjem jikber ta' impjiegi kritiċi

ma jistgħux isibu kandidati xierqa biex jimlew pożizzjonijiet miftuħa, li jwassal għal tnaqqis fl-għadd ta' impjegati li jiffinanzjaw il-mudell tal-benesseri soċjali fl-UE;

J. billi l-Parlament enfasizza ripetutament l-importanza tal-involviment xieraq tiegħu fil-proċess u d-djalogu tas-Semestru Ewropew b'mod regolari u strutturat sabiex jiżdiedu t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u s-sjieda tad-deċiżjonijiet meħuda, b'mod partikolari permezz ta' djalogu ekonomiku u soċjali;

1. Jisħaq li wħud mill-għanijiet tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli jridu jkunu li tiġi żgurata trasformazzjoni soċjoekoloġika u diġitali inklużiva tal-ekonomiji tagħna għall-prevenzjoni ta' żbilanċi soċjali, ekonomiċi, diġitali u ambjentali billi jiġi miġġieled il-faqar, jitnaqqsu l-inugwaljanzi u jinħolqu impjiegi deċenti b'pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, filwaqt li jiġi żgurat l-allinjament mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif ukoll biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

2. Jisħaq fuq l-importanza tal-monitoraġġ aġġornat tas-suq tax-xogħol u tad-domanda u l-provvista tal-ħiliet fil-livell okkupazzjonali, settorjali u reġjonali biex dawn jgħinu fl-identifikazzjoni u t-tbassir ta' ħtiġijiet ta' ħiliet okkupazzjonali u trażversali rilevanti;

3. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir investiment sinifikanti fin-nies u li jiġu offruti edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, inklużivi u sussidjati f'oqsma marbuta ma' ħiliet u kompetenzi li hemm domanda għalihom fis-swieq tax-xogħol u f'setturi orjentati lejn il-futur skont il-ħtiġijiet lokali u reġjonali; ikompli jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu lesti għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, li l-ħaddiema jkunu jistgħu jibbenefikaw minn opportunitajiet għal impjieg ġdid jew progressjoni fil-karriera u li l-programmi ta' taħriġ u edukazzjoni jkunu allinjati mal-ħtiġijiet tal-pjaneta, l-ekonomija u s-soċjetà tal-futur;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi kkunsidrata d-distribuzzjoni ta' impjiegi ta' kwalità fis-soċjetà minħabba l-prevalenza tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fost ċerti gruppi sabiex jitfasslu aħjar il-politiki ta' attivazzjoni u inklużjoni mfassla apposta; jisħaq fuq l-importanza li tingħata attenzjoni partikolari lill-ġenerazzjoni żagħżugħa, li għadha qed tiffaċċja diffikultajiet biex tidħol fis-suq tax-xogħol, u lit-tfal li jinsabu f'riskju ogħla li jaqgħu fil-faqar u l-esklużjoni soċjali; jinsisti, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li jiġi vvalutat aħjar l-impatt tal-politiki attwali, bl-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri li jrawmu konverġenza soċjali 'l fuq;

5. Ifakkar li l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità tajba u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żamma huma l-aħjar modi biex tiġi attirata forza tax-xogħol b'ħiliet għolja u jistieden lill-impjegaturi jinvestu fil-ħaddiema tagħhom; jenfasizza li d-diffikultajiet fir-reklutaġġ u n-nuqqas ta' ħaddiema huma partikolarment prevalenti f'setturi b'kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli u kwalità fqira tal-impjiegi; jenfasizza li l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja u mħallsa tajjeb li jtejbu l-kwalità tal-ħajja huwa għalhekk kruċjali;

6. Jappoġġja ż-żieda ta' fondi tal-UE ddedikati għall-objettivi soċjali u l-promozzjoni ta' investimenti orjentati lejn il-futur iffukati fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti, b'dimensjoni soċjali b'saħħitha, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-aċċess ugwali għal servizzi essenzjali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-infrastruttura diġitali;

jisħaq li l-istrumenti finanzjarji fil-livelli kollha jridu jsiru inqas frammentati u aktar imħallta u raggruppati;

7. Iqis li r-regoli fiskali tal-UE għandhom jippermettu l-finanzjament u l-investiment pubbliku meħtieġa tat-tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija mingħajr emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll l-implimentazzjoni xierqa tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u ta' investimenti soċjali; jisħaq li, għalkemm hemm bżonn li jitnaqqas id-dejn pubbliku f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-Istati Membri iżgħar jew aktar midjuna jeħtieġu perkorsi ta' aġġustament individwali aktar flessibbli li jippermettulhom biżżejjed spazju fiskali biex iwettqu l-investimenti u r-riformi meħtieġa għal tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali soċjalment ġusti b'mod li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

8. Ifakkar lill-Istati Membri fl-impenn tagħhom li jwettqu riformi u jagħmlu investimenti li għandhom impatt soċjali u jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE u għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, kif ukoll jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali permezz tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza; jitlob, f'dan is-sens, għall-integrazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-fondi kollha tal-UE permezz tal-introduzzjoni tal-kundizzjonalità soċjali fir-regoli ta' allokazzjoni tagħhom, bħala parti mir-Regolament Finanzjarju[1] li jkopri l-baġit ġenerali tal-UE;

9. Jieħu nota tal-proposti tal-Kummissjoni għal regolamenti ġodda fi ħdan ir-reviżjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika ta' April 2023 biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn u jissaħħaħ it-tkabbir sostenibbli u inklużiv permezz ta' investiment u riformi, inklużi perkorsi ta' aġġustament fiskali li jippermettu investiment soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta liema nefqiet u investimenti huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi soċjoekonomiċi fit-tul meħtieġa għall-konformità mal-istadji importanti fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi sistema ġdida għal kalkoli tad-defiċit eċċessiv ibbażati fuq din il-valutazzjoni sabiex tiżdied il-ġustizzja matul it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ir-reżiljenza soċjali u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fl-Istati Membri;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa arkitettura ta' governanza ekonomika fl-UE bbażata fuq it-trasparenza, ir-responsabbiltà, is-solidarjetà, l-integrazzjoni, il-ġustizzja soċjali, il-konverġenza, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, inkluża sistema edukattiva pubblika għal kulħadd, impjiegi ta' kwalità u żvilupp sostenibbli;

11. Jilqa' l-fatt li, sabiex tiġi promossa l-konverġenza soċjali 'l fuq, il-proċedura ta' sorveljanza multilaterali stabbilita fl-Artikolu 148(4) tat-TFUE ġiet, għall-ewwel darba, ikkomplementata minn sistema ta' twissija bikrija fis-Semestru Ewropew permezz ta' qafas ta' konverġenza soċjali li jista' jinkoraġġixxi l-korrezzjoni tar-riskji għall-konverġenza soċjali identifikati permezz tal-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta'

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 | (ĠU L 193 30.7.2018, p. 1)

Valutazzjoni Soċjali u permezz ta' rapporti dwar il-konverġenza soċjali ppubblikati mill-Kummissjoni; jenfasizza l-importanza li jiġu inklużi riskji ta' diverġenza soċjali fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, speċjalment dawk ir-riskji li jikkonċernaw l-iżvilupp bikri tan-nies u li jista' jkollhom konsegwenzi dejjiema għall-individwi, bħall-aċċess ugwali għal edukazzjoni u kura tas-saħħa ta' kwalità, u jenfasizza l-importanza li dawn jitqiesu meta jiġu definiti perkorsi ta' aġġustament fiskali;

12. Jitlob proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, fejn il-Parlament ikun involut mill-qrib, b'mod partikolari fl-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-politika ekonomika u soċjali; iqis li proċess rivedut tas-Semestru Ewropew għandu jsegwi l-proċedura leġiżlattiva ordinarja u għalhekk ikun miftiehem bejn il-Kunsill u l-Parlament;

13. Jikkonferma mill-ġdid ir-rwol tas-sħab soċjali fit-tisħiħ tad-djalogu soċjali u jqis li r-reviżjoni tal-proċess tas-Semestru Ewropew għandha tippromwovi aktar djalogu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari s-sħab soċjali rilevanti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dwar il-kwistjonijiet ta' politika ewlenin fejn xieraq, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE u l-arranġamenti legali u politiċi nazzjonali;

14. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.